MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 175/2005

**Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Mario u Josephine konjugi Caruana u b`digriet bil-Qorti tat-18 ta` Jannar, 2004 gew trasfuzi l-atti f`isem Stephanie Caruana u Josephine Caruana peress li l-konvenut Mario Caruana miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-17 ta` Frar, 2005, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Nhar it-22 ta` Lulju, 2004, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba ghal hrug ta` mandat ta` inibizzjoni numru 1270/2004 fl-ismijiet *"Antonia Busuttil, Emanuel Caruana, Catherine Ebejer u Vincenza Caruana ilkoll ahwa vs.*

*Mario u Josephine Caruana”* kopja ta` liema rikors u digriet qed jigu mehmuza u mmarkati bhala dokument ittri *“A”*, u *“B”*;

Ai termini ta` l-istess mandat ta` inibizzjoni il-konvenuti Mario u Josephine konjugi Caruana kienu gew, inter alia, inibiti milli jkomplu xoghol ta` kostruzzjoni fuq plots numri 12 u 13 fi Triq il-Konvoj ta` Santa Marija kantuniera ma` Triq Xandru Farrugia fl-Imqabba kif indikat ahjar fir-rikors promoter hawn fuq riferit u anness bhala dokument ittri *“A”;*

Dan il-mandat ta` inibizzjoni numru 1270/2004JA gie debitament segwit permezz ta` citazzjoni fl-ismijiet liema citazzjoni iggib in-numri 512/2004 NC prezentata nhar l-14 ta` Lulju, 2004;

Irrizulta li l-intimati issoktaw bix-xoghol ta` kostruzzjoni tant li kienu waslu wkoll biex isaqfu l-fondi *de quo* u dan fi zmien li fih kien diga` fis-sehh kontra taghhom il-mandat ta` inibizzjoni numru 1270/2004JA u li kien debitament notifikat lilhom skond il-ligi nhar it-30 ta` Lulju, 2004 kif jidher mill-atti ta` l-istess mandat ta` inibizzjoni 1270/2004JA;

In segwitu ghal tali fatti, nhar id-9 ta` Awissu, 2004 Antonia Busuttil, Emanuel Caruana, Catherine Ebejer u Vincenza Caruana prezentaw rikors (kopja tieghu annessa markata bhala dokument ittra *“D”*) fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li jittiehdu proceduri ta` disprezz kontra ta` Mario u Josephine konjugi Caruana;

Permezz ta` digriet ta` din l-Onorabbli Qorti datat 3 ta` Settembru, 2004 (kopja tieghu annessa u mmarkata bhala dokument *“E”*) gew ordnati li jittiehdu dawn il-proceduri kontra l-istess Mario u Josephine konjugi Caruana;

Talab lil konvenuti ghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti hawn fuq imsemmi jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` taghha ai termini ta` l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12;

2. Konsegwentement issib lill-konvenuti hatja ta` disprezz lejn l-awtorita` taghha ai termini ta` l-istess artikolu;

3. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-pieni kontemplati mill-istess artikolu 997 tal-Kapitolu 12.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Caruana li in forza taghha eccepiet illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. L-eccipjenti zgur li ma ghamlet ebda xogholijiet u ma kisret ebda ordni kif qed jallegaw l-atturi;

3. Il-konvenut l-iehor Mario Caruana miet fit-18 ta` Frar, 2005 u ovvjament ghad jonqos li ssir il-legitimazzjoni tal-atti u n-notifiki relattivi.

4. Il-konvenut l-iehor Mario Caruana ma ghamel ebda xoghol iehor kontra il-mandat pero` ghatta hajt tas-sejjiegh importanti ghall-esitu ta` kawza ohra peress li hu punt ta` rbit u riferiment f`site plan li tindika tqassim ta` plots (il-kawza l-ohra hi dwar it-tqassim tal-plots). Dan il-hajt tas-sejjiegh jinsab vicin il-plots u huwa importanti ghal kawza. Xi hadd seta` ried qed jipprova inehhi dan il-hajt u inehhi kull traccja tal-esistenza tieghu. Hu pero` ma hadimx fil-plots. Hu ma kompliex jisviluppa il-plots pero` jista` jkun li qabbad xi nies biex inehhu l-periklu mill-plots.

5. B`hekk l-atturi jew minn ghamel l-allegazzjoni falza fir-rikors li ppreceda din il-kawza ghandu jbati l-ispejjez kollha ta` dawn l-atti.

Rat id-dikjarazzjonijiet relattivi;

Rat il-legitimazzjoni tal-atti li sehhet in segwitu ghal mewt ta` Mario Caruana li sehhet fit-18 ta` Frar, 2005;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dawn huma proceduri ta` disprezz li ittiehdu fuq allegazzjoni tal-ahwa Antonia Busuttil, Emmanuel Caruana, Catherine Ebejer, u Vincenza Caruana li l-konvenuti konjugi Caruana komplew bix-xoghol ta` kostruzzjoni jew zvillup fuq plots numri 12 u 13, fi Triq il-Konvoj ta` Santa Marija, gewwa l-Imqabba, u dana wara li l-istess konvenuti gew inibiti milli jkomplu x-xoghol f`dawn il-plots b`mandat ta` inibizzjoni numru 1270/04 mahrug fit-22 ta` Lulju, 2004. Dawn il-proceduri nbdew mill-attur wara ordni mahruga minn din il-Qorti fit-3 ta` Settembru, 2004.

Qabel ma jigi diskuss il-meritu, din il-Qorti trid tikkunsidra l-effett li jista` jkollu fuq l-andament tal-kawza, l-mewt tal-konvenut Mario Caruana fil-mori ta` dawn il-proceduri.

Kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza “Registratur tal-Qrati Superjuri vs Grima et”, deciza fil-25 ta` Settembru, 2003:

*“m`hemmx dubju li l-procediment ta` disprezz huwa wiehed ta` natura penali, ukoll jekk jiehdu s-sura ta` procedura civili. Dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skond il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-“akkuzat” f`dak kollu li jista` jitqies ta` natura penali. Ghalhekk, mhux permess li l-istitut tar-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti jitwessa b`analogija, tixbieh jew tehid minn min ikun ta` inizzjattiva li ma hiex moghtija lilu mil-ligi”.*

Fil-kawza "Registratur tal-Qrati Superjuri vs Bugeja", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Frar, 2003, intqal li:

*"il-persuna li allegatament tikkommetti att ta` disprezz hi kunsidrata bhala li qeghda tigi akkuzata".*

Fl-istess sens hi s-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "Registratur tal-Qrati Superjuri vs Bellotti et", moghtija fl-10 ta` Dicembru, 2003, u s-sentenza moghtija fil-kawza "Registratur tal-Qrati Superjuri vs Azzopardi", fit-8 ta` Jannar, 2002, ukoll minn din il-Qorti.

Fil-kawza "Registratur tal-Qrati Superjuri vs Flatley", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta` Ottubru, 2002, intqal li:

*"jidher car li dan i-procediment jitqies ta` indoli kriminali u li l-fatt li l-procediment jigi inizjat permezz ta` citazzjoni, cioe`, l-att li normalment jintuza f`azzjonijiet civili, ma jnehhi xejn min natura kriminali tieghu"*.

Il-procedura ta` disprezz hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta` kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Lord Denning fil-kawza "In re Bramblevale Ltd (1970)", *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempt's of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt"* (sottolinear ta` din il-Qorti).

Fid-dawl ta` dawn il-principji, u l-indoli kriminali ta` dan il-procediment, isegwi li l-mewt tal-persuna *"akkuzata"* b`disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ghandha iggib fix-xejn il-procediment li jkun pendenti, kif inhu l-kaz f`kull procediment kriminali. Il-Qorti ma tistax tiggudika *"akkuzat"* li jkun miet fil-mori. Dan il-punt gie diskuss u konfermat fil-kawza "Registratur tal-Qorti Superjuri vs

Giordimaina", deciza fil-25 ta` Settembru, 2003, fejn intqal li:

*"Taht is-sahha tal-massimi legali ta` mors omnia solvit u is qui in reatu decedit integri status decedit, inghad li "Modern doctrine recognizes without any hesitation that the penal action is of a strictly personal character. It cannot be exercised except against the author of the offence or his accomplices in an offence, and never against third parties, be they even the heirs of the defendant or persons claiming under him. At whatever stage of the proceedings the death of the defendant occurs, such proceedings fall through. … Our law, unlike the Italian Code, does not contain any express provision in this sense. Nor does any such express provision appear to be necessary … "*.

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu li nghad iwassal biex fil-kaz prezenti l-Qorti tieqaf milli tqis hwejjeg ohra li jmissu l-kwistjoni, ladarba c-cirkostanza tal-mewt tal-konvenut Mario Caruana xejnet il-htiega li l-kawza titmexxa 'l quddiem fil-konfront tieghu.

Ghar-rigward tal-konvenuta Josephine Caruana, ma jirrizultax li din, b`xi mod, kienet involuta fil-materja ta` kostruzzjoni fil-plots in kwistjoni. Kien zewgha li kien jiehu hsieb kollox, u hi tharket peress li hi kienet mart Mario Caruana, u mhux ghax gie allegat xi agir disprezziv fil-konfront taghha. Fil-fatt, kemm Antonia Busuttil kif ukoll John Busuttil, li kienu l-unici persuni mressqa bhala xhieda mir-rikorrenti li istigaw dawn il-proceduri, jallegaw biss li Mario Caruana *"baqa` ghaddej bix-xogholijiet ta` kostruzzjoni"*, u ma qalu xejn fil-konfront tal-konvenuta martu.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, tiddisponi mill-kawza billi fil-waqt li tiddikjara l-procedement esewrit fil-konfront tal-eredi ta` Mario Caruana, stante l-mewt ta` dan tal-ahhar fil-mori tal-kawza, tichad it-talba fil-konfront tal-konvenuta Josephine Caruana, peress li ma tirrizultax.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------